MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 529/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Abdul Baset Dabia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Abdul Baset Dabia ta’ 32 sena, bin Mohammed u Mabruka Ben Daw, imwieled Tripoli, Libja fil-5 ta’ Jannar 1969 u residenti 2, Triq il-Mithna, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 19563A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-6 ta’ Settembru, 2001 f’dawn il-gzejjer u fiz-Zurrieq, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil omissis

ta’ hmistax-il sena kontra l-volonta’ taghha, jew ta’ l-post biex omissis tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt sar bhala mezz biex omissis tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Matul dawn l-ahhar xhur fiz-Zurrieq hedded lil omissis bi strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) u talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Lulju 2002 (esebita a fol. 69 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 86, 87 tal-Kodici Kriminali ;
(b) Fl-artikoli 13, 19 tal-Kapitolu 66 ;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2002, l-imputat iddikjara li huwa m’ ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda arrest illegali li allegatament gie effetwat mill-imputat fuq tfajla ta’ 15 il-sena, omissis, miz-Zurrieq. Mill-provi rrizulta li fis-6 ta’ Settembru 2001 dahlet telefonata anonima fl-Ghassa taz-Zurrieq fejn il-Pulizija gew infurmati li kien hemm tfajla ta’ hmistax il-sena li kienet qed tinzamm kontra l-volonta taghha fid-dar tal-imputat. Meta PC270 John Zerafa u PS 184 Charles Cacciattolo (traskrizzjoni tax-xhieda relattivi inseriti a fol. 18 sa 27 tal-atti processwali) marru fir-residenza tal-imputat bdew ihabtu mal-bieb ta’ barra u wara ftit tal-hin irrispondiet tfajla mis-sular ta’ fuq tad-dar u huma qalulha sabiex tinzel isfel halli jkellmuha u meta hija nizlet isfel

kelmithom mit-tieqa ta’ ma gemb il-bieb u qaltilhom li la setghat tiftah it-tieqa u l-anqas il-bieb ghaliex dawn kienu msakrin. Il-Pulizija bdew jaghtuha indikazzjonijiet kif hija setghat tiftah il-bieb minn gewwa u wara diversi tentattivi rnexxilha tiftah il-bieb. Meta l-Pulizija dahlu fid-dar sabu lit-tfajla imbezza hafna liebsa shorts iswed u bra u hafja. Hija spjegatilhom li aktar kmieni dakinhar kienet il-venda tal-Belt fejn iltaqghet mal-imputat li geghlha tirkeb il-karozza tal-linja mieghu u tmur lura lejn iz-Zurrieq fejn imbaghad hadha d-dar tieghu u qalilha sabiex tibda tikteb xi ittri bl-Ingliz u wara li bdiet tikteb ittra fuq folja ta’ pitazz taghha l-imputat qalilha li kien ser johrog sabiex jixtri pitazz iehor kif ukoll envelope u bolla u geghlha tinza il-hwejjeg u tibqa’ bl-underwear u ha dawn il-hwejjeg u hbihom u qalilha li kien qed jaghmel hekk sabiex jaccerta ruhu li hija ma titlaqx mid-dar sakemm jigi lura halli mbaghad tkompli tiktiblu l-ittri. Il-Pulizija qalu lit-tfajla sabiex tilbes xi haga sabiex tkun tista’ tmur maghhom l-Ghassa u hija fil-fatt libset T-shirt tal-imputat. Wara li t-tfajla ttiehdet l-Ghassa il-Pulizija arrestat lill-imputat li kien il-pjazza taz-Zurrieq u meta huwa ttiehed fir-residenza tieghu sabiex isir search fil-kamra tas-sodda tieghu instabet ittra bl-Ingliz (inserita a fol. 14 tal-process) mibdija u mhux kompluta fuq it-tavolina hdejn is-sodda, sikkina taht il-frix tas-sodda u fuq il-bejt instabu il-baskett, il-hwejjeg u z-zarbun ta’ omissis. Il-Pulizija setghat taccedi ghall-bejt wara li l-imputat ghaddilhom cavetta tal-bieb tal-bejt li kien imsakkar liema cavetta kienet fuqu.

Ikkunsidrat:

Illi omissis xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Settembru 2001 fejn hija qalet li kienet taf lill-imputat ghaliex huwa kien ir-ragel tal-kugina taghha izda huma kienu separati. Hija spjegat li l-imputat kienet tibza minnu ghaliex kien ilu madwar sena jaqbad maghha ghaliex kien jallega li hija kienet ixewwex lil kuginitha sabiex titilqu. Dwar il-gurnata tas-6 ta’ Settembru omissis irrakkontat li hija kienet marret il-Belt ma xi hbieb taghha u meta waslu l-venda rat lill-imputat li beda’ jaghmliha sinjal sabiex tmur tkellmu u meta hija marret tkellmu huwa qalilha li kellha tmur mieghu lura lejn iz-Zurrieq ghaliex

riedha tiktiblu erba’ ittri bl-Ingliz. Hija spjegat li qabel ma marret tkellmu kienet halliet il-mobile phone taghha mal-habiba u qaltilha sabiex iccempel lil ommha minn fuqu jekk jigri xi haga. Hija spjegat li marret mal-imputat ghaliex bezghat minnu u spjegat li huma rikbu l-karozza tal-linja sabiex imorru z-Zurrieq fejn l-imputat hadha fir-residenza tieghu, tellaghha fil-kamra tas-sodda u qalilha sabiex tibda tikteb ittra bl-Ingliz lil tfajla jisimha Tamara. Hija bdiet tikteb din l-ittra fuq folja ta’ pitazz li kellha fil-basket (gharfet l-ittra bhala d-dokument inserit a fol. 18 tal-process) u meta kienet waslet f’nofsha huwa qalilha li kien ser johrog sabiex jixtri pitazz iehor, envelopes u bolol. L-imputat geghlha tinza l-hwejjeg li kellha fuqha u hadhomlha u halliha bil-panty u l-bra u qalilha li kien qed jaghmel hekk sabiex jaccerta ruhu li ma titlaqx sakemm huwa jigi lura u tkun tista’ tkompli tiktiblu l-ittri. Omissis qalet li huwa hadilha l-hwejjeg, il-basket u z-zarbun u hbihom u imbaghad telaq ‘il barra. Hija spjegat li hasbet li ma setghatx tohrog ghaliex il-bieb u t-twieqi t-isfel kienu msakrin u qalet li ma setghatx tohrog bl-underwear peress li l-imputat kien hbilha l-hwejjeg taghha. Hija spjegat li wara ftit tal-hin semghat lil xi hadd ihabbat mal-bieb ta’ barra u meta ittawlet rat lil Pulizija u kelmithom mit-tieqa ta’ fuq u qaltilhom li ma setghatx tiftah ghaliex il-bieb kien imsakkar izda meta huma spjegawlha kif setghat tnizzel il-firrolli hija rnexilha tiftah il-bieb. Hija spjegat li qabel ma nizlet isfel libset shorts iswed tal-imputat li sabet fuq is-sodda u wara li rnexxilha tiftah il-bieb ta’ barra l-Pulizija qalulha sabiex issib xi haga x’tilbes sabiex tkun tista’ tmur l-Ghassa u hija fethet il-bieb tal-gwardarobba tal-imputat u hadet T-Shirt min tieghu. Din ix-xhud qalet ukoll li gurnata qabel l-imputat kien mar isibha il-klabb tal-bocci taz-Zurrieq u talabha tiktiblu l-ittri u meta hija rrifjutat qalilha ‘ser nimxu hazin’.Omissis qalet ukoll li xi ftit tax-xhur qabel l-imputat kien sabha fit-triq u heddiha b’mus u qalilha sabiex tghid lil kugina taghha (martu) li jekk din ma kinitx ser tirritorna lura mieghu huwa kien ser jehdilha t-tifla l-Libya u mbaghad kien ser jaghmel xi haga lilha.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 2 sa 5 tal-pprocess) fejn cahad li kien zamm lil omissis kontra l-volonta’ taghha u qal li kienet hi li marret mieghu. Huwa

izda ammetta li kien gieghel lil omissis tnehhi l-hwejjeg u li kien sakkar il-hwejjeg taghha fuq il-bejt u sostna li kien ghamel hekk sabiex hija tiktiblu l-ittri u ma tohrogx mid-dar sakemm huwa jirritorna lura. Huwa qal ukoll li kien geghlha tinza l-hwejjeg ghaliex gieli kien ftiehem maghha u ma marritx. Huwa cahad li fil-festa ta’ Santa Katerina kien avvicina lil omissis u heddidha b’mus. Dwar is-sikkina li nstabet fir-residenza tieghu huwa qal li kien juzaha sabiex jaqta’ x-xlief u li kienet fil-kamra tas-sodda sabiex jirranga d-dawl. L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 120 sa 124) fejn rega’ sostna li omissis ma kienitx marret mieghu kontra l-volonta’ taghha. Huwa qal li kien iltaqa’ maghha l-Belt fejn hija kienet liebsa l-uniformi tal-iskola izda qaltlu li ma kienitx marret skola u huma kienu marru l-Barrakka ta’ Fuq sabiex tiktiblu xi ittri bl-Ingliz u mbaghad marru lura lejn iz-Zurrieq b’ tal-linja fejn hija talbitu sabiex toqghod id-dar tieghu sakemm jghaddi l-hin li fih hija suppost kienet l-iskola. Huwa qal li geghlha tnehhi l-hwejjeg ghaliex ma riedx li tohrog bl-uniformi u jarawha n-nies u jahsbu li huwa kien qed jinkoraggiha ma tmurx skola. Huwa qal ukoll li kellu xi affarijiet id-dar li kien igib mill-Libya u ma riedx li hija titlaq bihom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti konfliggenti dwar dak li gara dakinhar tas-6 ta’ Setttembru fejn omissis min-naha l-wahda qed tghid li hija inzammet fid-dar tal-imputat kontra l-volonta’ taghha u l-imputat qed jghid li hija marret u baqghet hemm ghax riedet hi. Il-Qorti m’ghandha ebda raguni il-ghala tiddubita mill-kredibilta’ u l-verosomiljanza tax-xhieda moghtija minn omissis anki ghaliex din il-verzjoni giet korroborata minn provi cirkostanzjali bhal ma hija l-ittra mibdja u mhux kompluta misjuba fuq it-tavolina hdejn is-sodda u l-fatt li l-hwejjeg taghha instabu imsakrin fuq il-bejt u c-cavetta li tiftah il-bieb tal-bejt instabet fuq l-imputat meta huwa gie arrestat. Irid ukoll jigi nnutat li l-hwejjeg li l-Pulizija sabu fuq il-bejt u li kienu jappartjenu lil omissis ma kienux jikkonsistu f’uniformi tal-iskola u ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-imputat li omissis kienet bl-uniformi u ma kinitx marret

skola meta ltaqa' maghha l-Belt ma tistghax titwemmen. Il-Qorti tixtieq tirrileva li ghalkemm l-imputat dejjem sostna li omissis ma marritx id-dar tieghu kontra l-volonta' taghha huwa ta zewg verzjonijiet pjuttost differenti fl-istqarrija u sussegwentement meta xehed f'dawn il-proceduri. Filwaqt li fl-istqarrija huwa jammetti li kien gieghel lit-tfajla tinza u hadilha l-hwejjeg ghaliex ma ridx li titlaq u dan peress li huwa kien diga ftiehem maghha qabel u hija ma marritx, meta xehed quddiem din il-Qorti huwa prova jiggustifika il-fatt li kien hadilha l-hwejjeg u sakkahom fuq il-bejt billi jghid li huwa ghamel hekk sabiex ma tohrogx bl-uniformi u n-nies jahsbu li kien qed itellifha l-iskola. Il-Qorti qed tiskarta ghal kollox il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat meta xehed quddiemha stante li tirritjeni li hija ghal kollox inverosimili u ma tistghax titwemmen. Il-Qorti inoltre jidrilha li mill-istess stqarrija tal-imputat jirrizulta car li r-raguni il-ghala huwa hadilha l-hwejjeg u halliha bl-underwear kien sabiex jaccerta ruhu li hija ma tkunx tista' titlaq mid-dar tieghu sakemm huwa jigi lura.

Ikkunsidrat:

Stabbilit il-punt li l-Qorti tirritjeni li l-verzjoni tal-fatti moghtjia minn omissis ghandha titwemmen irid issa jigi stabbilit jekk jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest illegali li bih l-imputat jinsab akkuzat pemezz tal-ewwel imputazzjoni. L-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-8 ta Lulju 2002 deherlu li tista' tinstab htija taht kemm l-Artikolu 86 kif ukol l-artikolu 87. Dawn l-Artikoli jghidu is-segwenti:-

"*86. Kull min, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda l-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*87. (1) Il-piena tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, tkun ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin f’kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a) jekk il-persuna tinzamm jew tibqa’ ssekwestrata ghal aktar minn ghoxrin gurnata;*
*(b) jekk l-arrest ikun sar bl-uzu bla jedd ta’ uniformi, jew taht isem falz, jew b’ordni falz li jidher bhala mahrug minn awtorita’ pubblika;*
*(c) jekk il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;*
*(d) jekk il-hati jissokta jzomm jew jissekwestra lill-persuna ghad li jkun jaf li gie mahrug mandat jew ordni mill-awtorita’ kompetenti ghall-helsien jew kunsinna tal-persuna mizmuma jew issekwestrata;*
*(e) jekk id-delitt ikun sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla tacceta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha;*
*(f) jekk id-delitt ikun sar sabiex persuna ohra tkun imgieghla taghmel jew tonqos li taghmel att, li, jekk wiehed jaghmlu jew jonqos li jaghmlu volontarjament, ikun delitt;*
*(g) jekk id-delitt ikun sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta’ dik il-persuna;*
*(h) jekk id-delitt ikun sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm jew fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h);*

*(2) Fejn persuna jaghmel ir-reat imsemmi fl-artikolu li jigi minnufih qabel dan, jedded li joqtol, li jaghmel offiza fuq il-persuna jew li jkompli jzomm lil xi persuna ohra sabiex igieghel lil xi stat, organizazzjoni governamentali internazzjonali jew persuna li taghmel jew tonqos milli taghmel xi ghemil, jehel, meta jinsab hati, prigunerija ghal ghomru.”*

Dwar ir-reat ta’ arrest illegali il-Qrati taghna dejjem irritenew li huwa element essenzjali tar-reat ta’ arrest jew detenzjoni illegali li l-persuna allegatament sekwestrata tkun marret fil-post fejn tkun qed tigi detenuta kontra l-

volonta' taghha (ara f'dan ir-rigward Pulizija vs Andrew Bonnici Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri 23.1.1998 u Pulizija vs Alexander Micallef App. Kriminali (sede inferjuri 14.10.2009). Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li omissis marret fir-residenza tal-imputat kontra l-volonta' taghha stante li hija marret mal-imputat biss ghaliex kienet imbezza minnu specjalment minhabba l-incident li kien gara gurnata qabel fejn huwa heddidha li jekk ma tiktiblux l-ittri kienet ser tispicca hazin u incidenti ohra li graw precedentement. Huwa minnu li wiehed jista' jargumenta li kien ikun aktar opportun li kieku hija ghazlet li tallerta lil hbieb taghha dwar dak li kien qed jigri u tirrifjuta li tmur mal-imputat specjalment tenut kont li huma kienu jinsabu f'post fejn kien hemm hafna nies, u cioe' il-venda tal-karozzi tal-linja ta' Putirjal, izda din semmai tammonta ghal nuqqas ta' hsieb da parti ta' omissis izda xorta wahda jibqa' il-fatt li hija marret mal-imputat ghaliex bezghat minnu u mhux ghaliex riedet tmur mieghu. Il-Qorti inoltre jidrilha li hija zgur baqghet fid-dar tal-imputat kontra l-volonta' ttaghha. Id-Difiza ssostni li ma kienx impossibbli ghal omissis li titlaq mid-dar stante li l-bieb ma kienx imsakkar u stante li hija setghat tilbes hwejjeg tal-imputat sabiex tkun tista' tohrog imlibsa. Il-Qorti tirrileva li omissis hasbet li l-bieb kien imsakkar u ma setghatx tohrog u kien biss bl-ghajnuna tal-Pulizija li hija ndunat li setghat tiftah il-bieb. Il-Qorti jidrilha li Farrugia kienet gustifikata li tahseb li l-bieb kien imsakkar stante li l-imputat ghamilha cara li huwa kien qed igeghlha tinza l-hwejjeg sabiex hija tibqa' d-dar tieghu sakemm huwa jigi lura. Il-fatt li omissis sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn kienet liebsa l-underwear biss u bil-hwejjeg taghha msakrin fuq il-bejt geghlha tahseb li hija ma setghatx titlaq minn fejn kienet. Il-Qorti tixtieq tenfasizza li l-intenzjoni tal-imputat fil-mument li huwa ha l-hwejjeg ta' omissis u sakkarhom fuq il-bejt kienet propju dik li hija ma tkunx tista' titlaq mid-dar tieghu qabel ma huwa jigi lura. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li f'dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artiklu 86 u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati ta' dan ir-reat. Il-Qorti izda jidrilha li ma jikkonkorrux l-aggravji kontemplati fl-Artikolu 87 u ghalhekk ser tinstab htija biss abbazi tal-Artikolu 86.

Il-Qorti jidrilha wkoll li mix-xhieda ta’ omissis irrizulta wkoll li l-imputat heddidha b’arma bil-ponta (mus) u li huwa kellu dan il-mus minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati ta’ dawn ir-reati.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-eta’ tat-tfajla in kwistjoni u l-gravita tal-eghmil tal-imputat u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 13 u 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------